MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2006

Numru. 933/2006

**Il-Pulizija**
**Sp Martin Sammut**
**vs**
**Salvatore De Santis**

**Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Salvatore De Santis ta' 29 sena iben Giorgio u Antoinetta nee Troia mwieled fl-14 ta' Mejju 1977 Petralia Sottana Italja u residenti lokalment Romm 855 St. George's Park Triq San Gorg San Giljan u residenti l-Italja 15 Via Galileo Galilei, Isola delle Femmine, detentur tal-karta ta' l-identita Taljana AK0904809.**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-4 ta' Settembru 2006 f'xi hin bejn l-4.15am u 5.00am gewwa Triq id-Dragonara San Giljan, l-ghassa tal-Pulizija San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-**

**Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PC1459 M Buttigieg u PC 901 C Attard persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 96 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Akkuzat ukoll talli ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 887 S Mercieca, PC1459 M Buttigieg u PC 901 C Attard u PC 315 S Galea persuni inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Akkuzat ukoll li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' PC 1459 M Buttigieg u dan bi ksur ta' l-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Akkuzat ukoll talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PS 887 S Mercieca, PC 1459 M Butigieg u PC 901 C Attard u PC 315 S Galea, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor, u dan bi skur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Akkuzat ukoll talli volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u u glied u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti, rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali moghti llum 4 ta' Settembru 2006 sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Rat li anke l-imputat ma ghandu ebda oggezzjoni illi dawn il-proceduri jkunu sommarji u kif ukoll li huwa wiegeb hati mill-ewwel ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrieh.**

**Semghet lill-prosekuzzjoni u d-difiza jispjegaw x'gara. Rat li galadarba l-imputat rregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, dawn huma ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(h), l-Artikolu 95, 96(a), 221, 338(dd) u 338(ee) tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kollha kontrieh u qed tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 28A tal-Kap 9 lill-imputat fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------